# ĦAL SAFI SER IKOLLU SAĊERDOT NOVELL
## - Dun Tony Pace -



***Saċerdot novell wara ħafna snin***
Ħal Safi nistgħu ngħidu li ra l-aħħar saċerdot novell tiegħu 53 sena ilu : Dun Karm Zammit, li għadu mimli bl-għomor fid-Dar tal-Kleru. Imma din is-sena, għalkemm mhux ta' età daqshekk żgħira, u nistgħu ngħidu wkoll b'vokazzjoni partikulari li wara kollox kien iż-żwieġ u l-ħajja familjari li ġabuh residenti f'Ħal Safi, is-*Sur* Tony Pace, ser jiġi ordnat saċerdot nhar l-Imnarja. Naqraw ftit x'kitbilna Rev. Tony stess:

***Il-Grazzja ta' Alla li għaddietni minn toroq misterjużi***
"Kienet il-grazzja tal-Mulej u xejn aktar li mexxietni fit-toroq misterjużi Tiegħu. Minn abbati fir-raħal tal-Gudja, għal soċju tal-MUSEUM attiv fl-oqsma tal-Gudja u ta' Ħal Safi, għal sejħa biex bħala raġel miżżewweġ u għalliem inrabbi familja, flimkien ma' marti Joan. Missier ta' tliet ulied, Pauline, David u Deborah. Raġel li romol, imma wkoll li ħass is-sejħa għas-saċerdozju, b'formazzjoni ta' erba' snin fl-Università ta' Malta u laqgħat fis-Seminarju, u dan l-aħħar b'esperjenza ġdida wkoll bħala nannu ta' żewġ neputijiet: Julia u Thomas."

***Filli djaknu u filli ...***
"Ftit aktar minn sena ilu, fit-12 ta' Mejju 2019, ġejt ordnat Djaknu u nista' ngħid li d-djakonat kien esperjenza mill-isbaħ, fejn mingħajr ma nqtajt wisq mill-parroċċa tiegħi ta' Ħal Safi, ħdimt ħafna wkoll fil-komunità ta' Santa Luċija fejn kont ġejt assenjat biex inservi minn Mons. Arċisqof."

***... Mhux kif kienet maħsuba minna, imma, iva, waslet l-Ordinazzjoni Presbiterali***
"Issa, nhar it-Tnejn 29 ta' Ġunju 2020, Mons. Arċisqof ser jordna 8 djakni, fosthom lili, bħala saċerdoti. L-Ordinazzjoni se ssir ġewwa l-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re, Paola, f'quddiesa li tibda fis-6:30pm. Permezz tal-Ordinazzjoni Presbiterali, inkun nista' nibda nikkonsagra (inqaddes), inqarar u namministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Morda."

**Nitlob li nkun strument f'idejH**
"Kull sejħa tiġi dejjem m'għand Alla. Jinbidel biss il-mod kif nirrispondu għas-sejħat illi Hu biss jagħmlilna. Inħoss li s-saċerdozju huwa grazzja kbira li l-Mulej, mhux għax jistħoqqli, ser jogħġbu jsawwab fuqi. Għalhekk b'umiltà u fiduċja sħiħa fil-Mulej, nitlob biss li nkun dejjem strument f'idejH għat-tixrid tal-Bxara t-Tajba."

Jalla dan id-don speċjali li l-Mulej, mhux biss qed jagħti lil Rev. Tony, imma wkoll lill-Knisja f'Malta, speċjalment lill-parroċċa tagħna, nagħrfu napprezzawh, nifirħu miegħu u bih, u jħeġġiġna biex nitolbu għal aktar vokazzjonijiet.

***Hawn xi ħadd ieħor li qed iħoss is-sejħa u qed jitħajjar iwieġeb għaliha?***



**PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI**
**KONVERŻJONI TA' SAN PAWL**
**Tel: 21 649 223**





*Messaġġ tal-Kappillan*

# IMĊAĦĦDIN MILL-EWKARISTIJA jew IMXENNQIN GĦALIHA?

Ilkoll nafu x'sitwazzjoni stramba u ġdida kellna niffaċċjaw f'dan iż-żmien fejn il-COVID-19 u l-miżuri ta' prevenzjoni għaliha wasslu biex jibdlulna drastikament il-mod kif ngħixu:- mill-vojt tat-toroq tista' tgħid kważi f'kull ħin; mill-kuntatti b'telefonati jew bil-mezzi soċjali tal-familjari u ħbieb, b'sagrifiċċju kbir għan-nanniet imċaħħdin minn xi bewsa jew tgħanninqa tan-neputijiet, u b'sagrifiċċju kbir ukoll għal tant ġenituri li mid-dar u fid-dar ridu jlaħħqu mat-tfal, mat-tagħlim tagħhom, kif ukoll max-xogħol; mix-xirjiet essenzjali li ħafna drabi jsiru b'telefonati jew online u jinġiebu b'*delivery* d-dar; minn xi toroq imżejnin u xi ħinijiet fejn dwiet il-mużika u id-diski popolari u nies jittawwlu mill-gallariji jew twieqi u jgħidu kelma mal-ġirien li abli jkunu saru aktar konxji tagħhom f'daż-żminijiet.

***Sforzi biex nadattaw ruħna ħalli nseqgwu kif nistgħu, mill-bogħod***
Inbidel ukoll il-mod kif aħna ngħixu bħala Knisja: knejjes magħluqin jew miftuħin biss f'ħinijiet ristretti għal talb privat, iżda żgur neqsin min-nies li s-soltu jinġemgħu ġewwa fihom; quddies u rużarji u mumenti oħra ta' talb bħal meditazzjonijiet dwar il-Kelma t'Alla, fuq it-televiżjoni u *live streaming* fuq kull mezz soċjali. Apparti li bosta parroċċi organizzaw ruħhom, jispikka rajna l-impenn kostanti mill-Isqfijiet tagħna.

Twieldu jew issaħħew inizjattivi ta' mumenti ta' formazzjoni u katekiżmu b'mezzi diġitali. Tqawwiet ħidma kbira ta' għajnuna frott is-solidarjetà u d-djakonija kemm fil-parroċċi u kemm fuq livell djoċesan, għalkemm kellu jitwaqqaf it-tqarbin tal-morda u t-tberik.

Personalment, jidhirli li dan it-tibdil kellu effett fuq aspett importanti ħafna għax sirna aktar konxji mill-Knisja tad-dar, jew mill-Knisja fid-dar, jiġifieri l-Knisja li tinbena l-ewwelnett fil-familji tagħna. It-talb tagħna u l-parteċipazzjoni tagħna f'diversi inizjattivi li qed isiru, qed isir minn ġewwa d-djar tagħna. Hija verità li l-użu tar-riżorsi offruti jiddependi ħafna mill-interess u mill-kooperazzjoni tal-ġenituri għax finalment huma huma, il-ġenituri, l-bennejja tal-Knisja tad-dar: huma għandhom ir-responsabbiltà li jkunu l-katekisti ewlenin ta' wliedhom.

***Nerġgħu nibdew nersqu ħa ninġabru flimkien***

Biss ix-xahar ta' Ġunju beda jimmarka bidla oħra importanti: il-kuraġġ mimli prudenza biex nerġgħu nibdew nersqu ħa ninġabru flimkien. Ħafna mir-restrizzjonijiet preventivi bdew jitneħħew: diversi ħwienet, ristoranti, bars, eċċ. bdew jifħtu mill-ġdid. Il-postijiet tax-xogħol reġgħu bdew jilqgħu ħaddiema u klienti fl-uffiċċji; il-persuni vulnerabbli ingħataw permess li jistgħu jibdew joħorġu wkoll. Bħala Knisja stajna nibdew niċċelebraw il-funerali bil-quddiesa, u mis-Sibt 13 u l-Ħadd 14 ta' Ġunju – Solennità ta' *Corpus Christi*, nerġgħu nistgħu niċċelebraw l-quddiesa fil-pubbliku, għalkemm xorta b'mod differenti mis-soltu.

U hawn importanti li nieqfu ftit u nistaqsu: Ser ikollna l-kuraġġ u l-ħeġġa li niċċaqalqu minn djarna u nibdew niġu u nuru li dan kollu li għaddejna u sa' ċertu punt għadna għaddejjin minnu għallimna ntejbu ħajjitna? Jew kuntenti li hawn min xorta baqa' ma jagħtix każ, waqt li oħrajn stqarru li rari semgħu daqshekk quddies mill-istazzjonijiet tat-televiżjoni: min 3 min 5 jew 6 kuljum? Waqt li nibqa' nħeġġeġ għat-talb, biss issa importanti li nsarrfu dan kollu fil-prattika tal-imħabba lejn Alla u lejn xulxin: infittxu li naraw x'inhuma verament il-bżonnijiet preżenti tagħna mingħajr pretensjonijiet: ħalli lill-Mulej inkunu nistgħu nerġgħu nibdew ingawduh fina bl-Ewkaristija li mhux biss iċċaħħadna minnha imma li jeħtieġ nibqgħu nixxenqu u nitħeġġu għaliha; ħalli l-għajnuna f'kull livell verament tasal għand min għandu bżonnha; ħalli verament inkunu nistgħu naqbdu r-ritmu tal-ħajja li jġib ħajja ġenwina u onestà bejnietna u mhux ħajja ta' pika, rabja, għira, u nuqqas ta' fiduċja li lkoll jissarfu f'weġgħat profondi u li Alla biss jaf u jagħti l-qawwa biex jiddewwew.

***Ħa tkun l-Ewkaristija li tgħinna nqumu!***

Jalla l-Ewkaristija, il-misteru li jqawwilna t-tama, napprezzawha dejjem aktar u tħallina nsiru bħalha: Ħobż Qaddis li jinqasam f'offerta li ssostni u tagħti l-ħajja u li għalkemm issir frak hi, ma tħallix lir-realtajiet, lis-sitwazzjonijiet, lir-relazzjonijiet tagħna jibqgħu imxelfa jew miksura. Għalhekk tibżax tersaq lejn l-Ewkaristija hu x'inhu it-toqol jew it-tifrik ta' ħajtek, jew il-biża' tiegħek bħalissa: Kristu miss il-qabar tat-tifel tal-armla ta' Najm ... Kristu ħa id it-tfajla mejta, bint Ġajru ... Kristu miss ir-raġel imġiddem. Fl-għajnejn tal-liġi Lhudija dawn kienu atti l-aktar kundannabli u li jniġġsu lill-bniedem. Kristu jmiss ma' dawn biex jurina li m'hemm xejn moqżież fil-bniedem li Kristu ma jistax imissu u jagħtih ħajja ġdida. Żgur li Kristu jkompli jgħinna f'din il-fażi ta' ħajjitna!



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***

Joseph Gerald Azzopardi

Karmenu Damato

***Nitolbu għalihom!***





# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - Ġunju 2020

Il-Ġimgħa 5 ta' Ġunju

**L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**

Mis-6:00pm - Adorazzjoni personali fis-skiet quddiem Ġesù
sas-7:00pm Sagramentat fil-Knisja Parrokkjali.

Il-Ħadd 7 ta' Ġunju

**Solennità tat-Trinità Qaddisa**

Is-Sibt 13 ta' Ġunju - PM

***Jerġa' jibda l-Quddies miftuħ għall-Pubbliku fil-Knisja Parrokkjali:*** Fis-6:30pm - Quddiesa

Il-Ħadd 14 ta' Ġunju



**Solennità tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu**
***u Bidu tal-Ġimgħa Ewkaristika***

Fis-6:45am - Quddiesa
Fid-9:00am - Quddiesa
Mid-9:45am - Adorazzjoni personali fis-skiet quddiem Ġesù
sal-10:30am Sagramentat fil-Knisja Parrokkjali.
Fis-6:00pm - Quddiesa u wara Espożizzjoni u Barka.

Mit-Tnejn 15 ta' Ġunju
sas-Sibt 20 ta' Ġunju - PM

**AM:**
Fis-7:30am - Quddiesa
Mit-8:00am - Adorazzjoni personali fis-skiet quddiem Ġesù
sad-9:00am Sagramentat fil-Knisja Parrokkjali.
**PM:**
Fis-6:30pm - Quddiesa li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.
Mis-7:00pm - Adorazzjoni personali fis-skiet quddiem Ġesù
sas-7:30pm Sagramentat fil-Knisja Parrokkjali.

Is-Sibt 20 ta' Ġunju

***Anniversarju Saċerdotali:***
Kan. Ivan Scicluna – 17-il sena (2003)

Il-Ħadd 21 ta' Ġunju



**Festa tal-Qalb ta' Ġesù - *Jum il-Missier***
***u Għeluq tal-Ġimgħa Ewkaristika***

Fis-6:45am - Quddiesa
Fid-9:00am - Quddiesa
Mill-9:45am - Adorazzjoni personali fis-skiet quddiem Ġesù
sal-10:30am Sagramentat fil-Knisja Parrokkjali.
Mill-5:15pm - Adorazzjoni personali fis-skiet quddiem Ġesù
sas-5:55pm Sagramentat fil-Knisja Parrokkjali.
Fis-6:00pm - Quddiesa.
Fis-6:45pm - Purċissjoni qasira li tagħlaq bl-Att ta' konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesù u l-Barka Sagramentali fuq iz-zuntier.

It-Tnejn 29 ta' Ġunju

**Solennità tal-Martirju ta' S. Pietru u Pawl - L-Imnarja**
***Anniversarju Saċerdotali:***
Kan. David Farrugia - Kappillan – 16-il sena (2004)

Fis-6:30pm - Quddiesa b'xandira diretta fuq TVM2 mill-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re, Paola, bl-**Ordinazzjoni Presbiterali tar-Rev. Tony Pace**.
*(Ma ssirx il-quddiesa tas-6:30pm fil-Knisja Parrokkjali tagħna)*